32006D0694

14.10.2006 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 283/59

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-13 ta' Ottubru 2006

li tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' ġobon moxx immanifatturat fi stabbiliment tal-ħalib fir-Renju Unit

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 4877)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/694/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistipula l-prinċipji u l-ħtiġijiet ġenerali tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà ta' l-Ikel u li jistipula proċeduri fi kwistjonijiet tas-sigurtà ta' l-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Taħt l-Artikolu 53(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, fejn oġġett ta' l-ikel x'aktarx jista' joħloq riskju serju għas-saħħa tal-bniedem u fejn dak ir-riskju ma jistax jiġi affrontat b'mod sodisfaċenti permezz ta' miżuri meħuda mill-Istati Membri kkonċernati l-Kummissjoni għandha tissospendi it-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' dak l-oġġett ta' l-ikel u tadotta kwalunkwe miżura xierqa oħra temporanja.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene ta' l-oġġetti ta' l-ikel ([2]) jistipula r-regoli ġenerali għall-operaturi kummerċjali ta' l-ikel dwar l-iġjene ta' l-oġġetti ta' l-ikel. Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) jistabbilixxi regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali. Huwa jispeċifika r-regoli applikabbli għall-materji primi li jistgħu jitpoġġew fis-suq u għalhekk jintużaw fil-fabbrikazzjoni tal-prodotti tal-ħalib. Għall-għan ta' dawn ir-regoli, il-prodotti tal-ħalib huma prodotti pproċessati derivati mill-ipproċessar ta' ħalib mhux ittrattat jew minn aktar proċessar ta' prodotti pproċessati bħal dawn.

(3) It-taqsima IX, Kapitolu I, Parti III, punt 4 ta' l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tistipula l-kundizzjonijiet li għandhom ikunu sodisfatti fil-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' ħalib mhux ittrattat. Taħt dawn id-dispożizzjonijiet, l-operaturi tal-kummerċ ta' l-ikel fis-settur tal-ħalib mhumiex permessi li jpoġġu fis-suq ħalib mhux ittrattat li fih livelli ta' residwi antibijotiċi li jaqbżu lil dawk stabbiliti fl-Annessi I u III tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 tas-26 ta' Ġunju 1990 li jistipula proċedura Komunitarja għall-istabbiliment ta' limiti massimi tar-residwi ta' prodotti mediċinali veterinarji f'oġġetti ta' l-ikel li joriġinaw mill-annimali ([4]).

(4) Il-ħalib li ma jissodisfax dawn l-istandards għandu jintrema bħala prodott sekondarju ta' l-annimali tal-Kategorija 2 kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2002 li jistabbilixxi r-regoli tas-saħħa li jikkonċernaw prodotti sekondarji ta' l-annimali mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem ([5]).

(5) Sabiex ikunu konformi ma' dawk ir-rekwiżiti, l-operaturi tan-negozju ta' l-ikel fis-settur tal-ħalib iwettqu testijiet ta' l-analiżi rapida fuq il-ħalib qabel ipoġġuh fis-suq. Dawn it-testijiet huma mmirati li jistabbilixxu l-preżenza ta' residwi antibijotiċi u ġew imfassla biex jipprovdu riżultati pożittivi meta residwi bħal dawn huma qrib il-limitu massimu ta' residwu, iżda ma jikkwantifikawx il-livell attwali tar-residwi preżenti. Taħt dawn iċ-ċirkostanzi, test li jidentifika u jikkwantifika r-residwi antibijotiċi jista' juri li l-limitu massimu ta' residwu ma jinqabiżx. Jekk ma jsirx test ta' konferma bħal dan, il-ħalib li jkollu riżultat pożittiv wara test ta' determinazzjoni jitqies bħala mhux sigur.

(6) Matul missjoni ta' spezzjoni mwettqa fir-Renju Unit mill-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju (Food and Veterinary Office (FVO)) tal-Kummissjoni mill-31 ta' Mejju sat-3 ta' Ġunju 2006, waslet evidenza repetutament li ħalib mhux ittrattat li mhuwiex konformi mar-rekwiżiti ta' iġjene tpoġġa fis-suq u ntbagħat fi stabbiliment approvat ta' l-ikel li jħejji prodotti tal-ħalib maħsuba għall-konsum mill-bniedem.

([1]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 575/2006 (ĠU L 100, 8.4.2006, p. 3).

([2]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1; verżjoni kkoreġuta fil-ĠU L 226, 25.6.2004, p. 3.

([3]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55; verżjoni kkoreġuta fil-ĠU L 226, 25.6.2004, p. 22.

([4]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1231/2006 (ĠU L 225, 17.8.2006, p. 3).

([5]) ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 208/2006 (ĠU L 36, 8.2.2006, p. 25).

(7) Saret żjara fuq il-post mill-FVO fid-9 ta' Ġunju 2006 fil-fondi ta' Bowland Dairy Products Limited, li jinsab f'Fulshaw Hoad Farm, Barrowford, Lancashire BB9 6RA ("Bowland") bin-numru ta' approvazzjoni UK PE 023. Skond it-tagħrif li għandha l-Kummissjoni, dak l-operatur jesporta virtwalment il-produzzjoni tiegħu kollha ta' ġobon moxx lill-Istati Membri l-oħra.

(8) Dik iż-żjara wriet li l-materji primi użati fil-fabbrikazzjoni ta' ġobon moxx kienu jinkludu l-ħalib mhux ittrattat mibgħud mill-kolletturi ewlenin tal-ħalib fir-Renju Unit u ddegradat għal raġuni bħal: preżenza ta' residwi antibijotiċi misjuba wara test ta' determinazzjoni, taħlita ta' ħalib u ilma li tirriżulta mit-tindif tal-pajpijiet fil-pjanti tal-ħalib b'deterġenti u diżinfettanti ("ilmijiet residwarji tal-fabbrika tal-ħalib"), kontaminazzjoni b'żebgħat, ħalib għax-xorb ittrattat bi sħana eċċessiva f'pakketti miġbura mill-istabbilimenti ta' bejgħ bl-imnut. Skond id-dokumentazzjoni tal-kumpanija, ħalib bħal dan kien ikklassifikat f'manjieri varji bħala "ħalib irkuprat", "skart tal-ħalib", ħalib "mhux għall-konsum mill-bniedem" jew ħalib akkumpanjat minn ċertifikati ta' analiżi li juru b'liema mod il-ħalib kien difettuż.

(9) Sar magħruf ukoll miż-żjara li attività oħra kienet tinvolvi l-ippakkjar permezz ta' vakwu ta' ġobon mhux konformi derivat minn ġobon immuffat jew ġobon li fih traċċi ta' materjal barrani, bħal ingwanti tal-gomma. Skond id-dokumentazzjoni tal-kumpanija, materjal bħal dan kien ikklassifikat f'diversi manjieri bħala "skart", "ġobon ikkontaminat" jew "skart ta' ma' l-art".

(10) Fl-20 ta' Ġunju 2006 twettqet verifika fil-fondi ta' Bowland mill-Aġenzija tar-Renju Unit dwar l-Istandards ta' l-Ikel. L-istabbiliment ma kienx qed jopera f'dak iż-żmien. Il-produzzjoni ta' ġobon moxx reġa beda fis-26 ta' Ġunju 2006.

(11) Miż-żjara fuq il-post tad-9 ta' Ġunju 2006 'l hawn, il-Kummissjoni għarrfet ripetutament lill-awtoritajiet tar-Renju Unit dwar it-tħassib tagħha rigward ir-riskji għas-saħħa tal-bniedem tal-prattika in kwistjoni u ddiskutiet magħhom f'bosta okkażjonijiet il-kwistjonijiet tekniċi marbuta ma' l-evalwazzjoni tagħha tas-sitwazzjoni. B'mod partikolari, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tar-Renju Unit iltaqgħu fl-4 ta' Lulju 2006 u organizzaw konferenza awdjoviżiva fit-8 ta' Lulju 2006 biex jiddiskutu dawn il-kwistjonijiet. Ġiet organizzata konferenza awdjoviżiva oħra fl-14 ta' Settembru 2006, li fiha ħadu sehem ukoll rappreżentanti mill-Laboratorju Komunitarju ta' Referenza dwar ir-residwi antibijotiċi. B'konsegwenza ta' dan, l-awtoritajiet tar-Renju Unit għarrfu lill-Kummissjoni b'ittra tal-15 ta' Settembru 2006 li kienu rrivedew l-pożizzjoni tagħhom rigward it-testijiet, li wasslet lill-Kummissjoni biex temmen li kienu sejrin jieħdu l-azzjoni meħtieġa minnufih. Iżda huma naqqsu milli jagħmlu dan.

(12) L-FVO wettqet it-tieni żjara ta' spezzjoni tagħha fil-fondi ta' Bowland fis-26 u s-27 ta' Settembru 2006 biex tivverifika l-proċeduri l-ġodda ta' ħidma li kienu ġew stabbiliti wara l-ewwel spezzjoni ta' l-FVO u l-verifika ta' l-FSA. L-ispetturi ta' l-FVO innutaw li mis-26 ta' Ġunju 2006, l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit ma vverifikawx fuq il-post jekk il-kundizzjonijiet ta' ħidma kkomunikati lil Bowland kinux intlaħqu jew le. Fost problemi ġodda bħat-tifqigħ mekkaniku mhux iġjeniku ta' pakketti tal-ħalib, iż-żjara kkonfermat ukoll li għadu qed isir użu minn ħalib li mhux konformi mar-rekwiżiti ta' iġjene stabbiliti fil-leġiżlazzjoni Komunitarja. B'mod partikolari, l-istabbiliment għadu qed jirċievi u jagħmel użu minn ħalib li rriżulta pożittiv wara t-testijiet li saru għall-preżenza ta' residwi antibijotiċi qabel it-tqegħid tiegħu fis-suq fejn ma ntweriex li tali residwi ma jaqbżux il-limiti massimi ta' residwu stabbiliti fir-Regolament (KKE) Nru 2377/90.

(13) Skond l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, l-Istati Membri għandhom jinfurzaw il-liġi dwar l-ikel, u jissorveljaw u jivverifikaw li l-ħtiġijiet rilevanti tal-liġi dwar l-ikel jiġu mħarsa mill-operaturi tan-negozju ta' l-ikel u l-għalf fl-istadji kollha tal-produzzjoni, l-ipproċessar u t-tqassim. Għal dan l-għan għandhom iżommu sistema ta' kontrolli uffiċjali u attivitajiet oħra kif xierqa fiċ-ċirkostanzi, inkluża komunikazzjoni pubblika dwar is-sigurtà u r-riskju ta' l-ikel u l-għalf, sorveljanza dwar is-sigurtà ta' l-ikel u l-għalf u attivitajiet oħra ta' sorveljanza li jkunu jkopru l-istadji kollha tal-produzzjoni, l-ipproċessar u t-tqassim.

(14) Jidher ċar mill-fatti ta' dan il-każ li l-awtoritajiet tar-Renju Unit naqsu ripetutament milli jaqdu l-obbligu tagħhom ta' kontroll. Huwa għalhekk il-ħsieb tal-Kummissjoni li tniedi f'qasir żmien proċedura ta' ksur skond l-Artikolu 226 tat-Trattat. Il-Kummissjoni bi ħsiebha wkoll tapplika għal miżuri temporanji li jistgħu jitqiesu bħala meħtieġa sabiex terġa' ġġib lura malajr kemm jista' jkun kontrolli xierqa fuq is-settur tal-ħalib mill-awtoritajiet tar-Renju Unit.

(15) Iżda sadattant, jeħtieġ li l-Kummissjoni tadotta miżuri ta' emerġenza biex tindirizza r-riskju immedjat u serju għas-saħħa tal-bniedem ikkawżat mill-preżenza attwali fis-suq Komunitarju ta' prodotti li joriġinaw minn Bowland.

(16) Ħalib mhux ittrattat li fih sustanzi antibijotiċi li jaqbżu l-limiti massimi ta' residwu stabbiliti fil-leġiżlazzjoni Komunitarja mhuwiex tajjeb għall-konsum mill-bniedem u mhuwiex sigur wara li jiġi kkunsidrat li limiti massimi bħal dawn huma msejsa fuq it-tip u l-ammont ta' residwi meqjusa bħala ħielsa minn kull periklu tossikoloġiku għas-saħħa tal-bniedem. Minħabba fil-proprjetajiet tas-sustanzi attivi użati fil-mediċina veterinarja, jeħtieġ li jitqiesu mhux biss il-proprjetajiet tossikoloġiċi tas-sustanzi fis-sens strett

(bħalma huma l-effett teratoġeniku, mutaġeniku jew karċinoġeniku) iżda wkoll il-proprjetajiet farmaċewtiċi tagħhom. Barra minn hekk, persentaġġ sinifikanti (1 % sa 10 %) tal-popolazzjoni huma sensittivi żżejjed għall-penećillina, għal antibijotiċi oħra u għall-metaboliti tagħhom, u anke f'konċentrazzjonijiet baxxi ħafna jsofru minn reazzjonijiet allerġiċi (bħalma huma raxxijiet tal-ġilda, urtikarja,ażma jew xokk anafilattiku).

(17) Flimkien ma' dan, ir-reżistenza kontra l-mikrobi tal-batterji żoonotiċi iżolati mill-oġġetti ta' l-ikel hija ta' tħassib li qed jiżdied għas-saħħa pubblika. Hemm evidenza ċara li l-użu ta' antibijotiċi għall-annimali li jipproduċu l-ikel għandu impatt fuq l-okkorrenza ta' batterji reżistenti fl-annimali u fl-ikel u l-esponiment tal-bniedem għal dawn il-batterji reżistenti jirriżulta f'konsegwenzi ħżiena għas-saħħa tal-bniedem. L-evidenza turi li r-rotta li ġġorr l-ikel hija l-mogħdija ewlenija ta' trażmissjoni għall-batterji reżistenti mill-annimali li jipproduċu l-ikel għall-bniedem.

(18) Prattika bħal dik użata fl-istabbiliment ta' Bowland li jintuża ħalib li rriżulta pożittiv għall-preżenza ta' residwi antibijotiċi qabel ma tqiegħed fis-suq fejn ma ntweriex li residwi bħal dawn ma jaqbżux il-limiti massimi ta' residwi stabbiliti fir-Regolament (KEE) Nru 2377/90 x'aktarx toħloq riskju serju fuq is-saħħa tal-bniedem. Sustanzi kimiċi bħall-antibijotiċi u l-metaboliti tagħhom ma jinqerdux ikun xi jkun it-trattament applikat. B'konsegwenza ta' dan, prodotti proċessati minn Bowland b'ħalib li fih sustanzi bħal dawn neċessarjament fihom kwantitajiet ta' residwi li jqajmu l-istess kwistjoni ta' sigurtà.

(19) Din il-kwistjoni tressqet għall-attenzjoni ta' l-Istati Membri f'diversi okkażjonijiet, b'mod partikolari matul laqgħat tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u Saħħet l-Annimali fit-18 ta' Lulju 2006 u fit-18 ta' Settembru 2006 u matul laqgħa speċjali ta' grupp ta' ħidma fis-7 ta' Settembru 2006. L-Istati Membri kollha bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit wrew appoġġ għall-evalwazzjoni tal-Kummissjoni.

(20) Il-Kummissjoni għarrfet lil Bowland b'ittra datata l-4 ta' Ottubru 2006 bil-ħsieb tagħha li tressaq abbozz ta' Deċiżjoni fuq il-bażi ta' l-Artikolu 53 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 lill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u Saħħet l-Annimali. Bowland wieġbu lill-Kummissjoni b'ittra datata l-5 ta' Ottubru u permezz ta' *email* datata s-6 ta' Ottubru. Huma tennew il-pożizzjoni ta' l-istabbiliment dwar il-kwistjoni tal-preżenza ta' residwi antibijotiċi fil-ħalib u ma pprovdewx elementi ġodda li setgħu juru li r-riskju għas-saħħa pubblika impost mill-prodotti kkonċernati kien għeb.

(21) Għalhekk il-Kummissjoni tikkunsidra, b'mod partikolari minħabba r-riżultat ta' l-aħħar żjara ta' spezzjoni ta' l-FVO fis-26 u s-27 ta' Settembru 2006 u filwaqt li tqis il-preżenza tal-prodott f'bosta Stati Membri, li r-riskju ma jistax jitnaqqas b'mod sodisfaċenti sakemm ma jitteħdux miżuri madwar il-Komunità kollha, inkluża l-projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq ta' dawn il-prodotti. Minħabba fil-gravità tar-riskju għas-saħħa tal-bniedem, dawn il-miżuri għandhom japplikaw minnufih.

(22) Il-miżuri li hemm f'din id-Deċiżjoni se jiġu riveduti hekk kif isir disponibbli tagħrif ġdid li juri li ma hemm l-ebda riskju għas-saħħa tal-bniedem, b'mod partikolari fuq il-bażi tal-miżuri meħuda mill-awtoritajiet tar-Renju Unit.

(23) Il-Kummissjoni se tikkunsidra li tieħu azzjoni ulterjuri jekk ikun hemm evidenza li qed titwettaq prattika simili fi stabbilimenti oħrajn.

(24) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u Saħħet l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq tal-ġobon moxx kollu ffabbrikat minn Bowland Dairy Products Limited bin-numru ta' approvazzjoni UK PE 23 u li jinsab f' Fulshaw Hoad Farm, Barrowford, Lancashire BB9 6RA u għandhom jittraċċaw, iżommu u jiddisponu mill-bqija tal-kwantitajiet kollha ta' ġobon moxx ta' din l-oriġini.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar it-13 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni